**Stqarrija għall-istampa**

**Malta tibqa' żżomm il-klassifika tagħha fit-13-il post fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2022**

L-**Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri** huwa għodda li jissorvelja l-progress fl-ugwaljanza bejn il-ġeneri madwar l-UE maż-żmien. L-Indiċi juża skala minn 1 sa 100, fejn 1 ifisser inugwaljanza totali bejn in-nisa u l-irġiel u 100 jfisser ugwaljanza totali bejn in-nisa u l-irġiel. Is-sitt oqsma li jitkejlu huma x-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa.

B'**65.6 punt minn 100**, Malta tibqa' żżomm il-klassifika tagħha fit-13-il post fl-UE fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri b'punteġġ li huwa 3 punti anqas minn dak tal-UE (68.6 minn 100).

Il-punteġġ ta' Malta naqas l-aktar mill-Istati Membri kollha fil-qasam tas-**saħħa** (– 4.5 punti) mill-indiċi preċedenti, fejn il-klassifika niżlet mit-2 għat-13-il post, b'87.8 punti. Din il-bidla hija xprunata minn telf sever fis-sottodominju tal-imġiba tas-saħħa, fejn bejn l-2014 u l-2019, minkejja li inqas nisa u rġiel qed jidħlu f'imġiba ta' riskju għoli bħat-tipjip u x-xorb eċċessiv, *"il-proporzjon ta' nisa u rġiel li jagħmlu attivitajiet fiżiċi u/jew li jikkunsmaw il-frott u l-ħxejjex naqas b'mod drammatiku minn 43% għal 22% għan-nisa u minn 45% għal 22% għall-irġiel."*

Din l-edizzjoni tal-indiċi tiffoka fuq **il-kura u l-pandemija tal-COVID-19**. Id-dejta turi li fl-2021, 37% tan-nisa meta mqabbla ma' 14% tal-irġiel irrapportaw li jieħdu ħsieb tfal ta' bejn iż-0 u l-11-il sena għal aktar minn erba' sigħat kuljum. Dan huwa l-inqas sehem ta' rġiel madwar l-UE. Barra minn hekk, 56% tan-nisa meta mqabbla ma' 25% tal-irġiel indikaw li huma kompletament, jew fil-biċċa l-kbira, responsabbli għall-kura tat-tfal ta' bejn iż-0 u l-11-il sena.

Min-naħa l-oħra, 50% tan-nisa u 58% tal-irġiel kienu jiddependu fuq in-nanniet jew qraba oħra għall-appoġġ estern bil-kura tat-tfal, filwaqt li 36% tan-nisa meta mqabbla ma' 58% tal-irġiel kienu jiddependu fuq ċentri u skejjel tal-kura matul il-jum. Barra minn hekk, fl-2021 kienu iktar in-nisa (16%) milli l-irġiel (12%) li naqqsu l-ħin tax-xogħol tagħhom biex jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom u/jew qraba oħra.

Barra minn hekk, minkejja li ż-żieda drastika tan-nisa fl-impjiegi tnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, tali distakk jibqa' l-aktar wiesa' fl-UE. Mill-2010, il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tax-**xogħol** żdied b'mod konsiderevoli bi 11.9 punti (il-5 post) fejn Malta kisbet 77 punt. Dan jirrifletti l-punteġġ ta' Malta fis-subdominju tal-parteċipazzjoni fix-xogħol (81.2 punti) filwaqt li, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra tal-UE, Malta tikklassifika fit-tieni post fis-subdominju tas-segregazzjoni u l-kwalità tax-xogħol b'punteġġ ta' 73. Dan huwa dovut għat-tnaqqis fid-diskrepanzi bejn il-ġeneri fir-rigward (i) tal-kapaċità li tieħu siegħa jew sagħtejn frank waqt il-ħinijiet tax-xogħol biex tieħu ħsieb affarijiet personali jew tal-familja; (ii) kif ukoll fl-Indiċi tal-Prospetti tal-Karrieri.

Mill-2010 id-dħul disponibbli tan-nisa żdied b'rata ogħla minn dik tal-irġiel u rriżulta f'differenza bejn il-ġeneri ta' 2%, li hija l-inqas fost l-Istati Membri kollha. Fil-fatt, il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tal-**flus** żdied b'4.4 punti mill-2010.

Bejn l-2010 u l-2020, Malta rreġistrat tnaqqis ta' 0.2 punti fil-qasam tal-**għarfien**. Dan minħabba l-fatt li mill-2010 'l hawn, il-punteġġ ta' Malta żdied fis-subdominju tal-kisba edukattiva u l-parteċipazzjoni (+ 9 punti) iżda naqas fis-sottodominju tas-segregazzjoni (– 10 punti). Fl-2020, l-istudenti nisa fl-UE *"qabżu l-irġiel aktar minn doppju fl-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri, l-istudji umanistiċi u l-arti."*

L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri jkejjel ukoll l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri fil-**ħin** allokat għall-kura u attivitajiet soċjali. Il-punteġġ ġenerali ta' Malta żdied b'9.9 punti mill-2010, fejn Malta tikklassifika fit-13-il post hekk kif id-differenza bejn il-ġeneri fit-tisjir u/jew id-dmirijiet tad-dar naqset drastikament minkejja li xorta waħda n-nisa kienu meqjusa primarjament responsabbli għal dan ix-xogħol.

Għalkemm għadu taħt il-medja tal-UE (57.2), il-punteġġ ta' Malta tjieb fil-qasam tal-**poter** (+ 19.5 punti) mill-2010, b'punteġġ ta' 40.4. Dawn il-bidliet kienu prinċipalment xprunati minn titjib fis-subdominji tat-teħid tad-deċiżjonijiet ekonomiċi u soċjali. Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tistenna titjib f'dan il-qasam fir-riżultati tas-snin li ġejjin li għandhom jirriflettu ż-żieda konsiderevoli fin-numru ta' nisa fil-parlament wara l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu korrettiv tal-ġeneru fl-elezzjoni ġenerali tal-2022.

L-NCPE tirrikonoxxi r-riżultati tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-titjib lejn il-kisba tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri li Malta rreġistrat mill-2010. Minkejja li l-punteġġ tal-Indiċi huwa inqas mill-medja tal-UE, id-distakk bejn pajjiżna u l-UE naqas maż-żmien.

L-NCPE tqis li hemm lok għal aktar progress fl-oqsma kollha, partikolarment fil-qasam tal-poter u r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja sabiex titjieb il-klassifika ġenerali ta' Malta u tkompli tissaħħaħ l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha.

**26 ta' Ottubru 2022**